VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,859, 24 ta' Jannar, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 34 tal-2012**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

### Ir-Regolamenti tal-2012 biex jemendew ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

**It-Titlu**

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2012 biex jemendaw ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2004, ippubblikati bħala Avviż Legali 127 tal-2004, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

**L-Applikabilità**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mit-28 ta' Ottubru 2011 'il quddiem.

**L-Emenda għar-regolament 44 tar-regolamenti prinċipali**

3. Minflok ir-regolment 44 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"44. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna li għandha tintuża biex tikklassifika r-rikonoxximent għandha tiġi kkalkulata billi kull Marka Medja tas-Sena titwieżen bil-fattur korrispondenti għal dik is-sena kif ikun indikat fl-ordinamenti tal-Kors skont ir-regolament 76 (b), u l-medja mbagħad titniżżel mirquma sal-eqreb numru sħiħ.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għal-grad ta' Bachelor in General Studies (B.Gen.St.) għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, bis-snin kollha jingħataw piż ugwali."

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L-Emenda għar-regolament 74 tar-regolamenti prinċipali**

4. Minflok ir-regolament 74 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"74. Meta student jabbanduna kors għal Grad jew min jeddu jew għaliex skont dawn ir-regolamenti ma jkunx jikkwalifika biex jibqa' miexi 'l quddiem, u sakemm l-ordinamenti tal-Kors ma jkunux jaħsbu għall-għoti ta' rikonoxximent provviżorju:

(a) jekk l-istudent ikun kiseb tal-anqas 60 kredtu, għandu jingħata s-Certificate in General Studies (Cert. Gen. St.);

(b) jekk l-istudent ikun kiseb tal-anqas 120 kredtu, għandu jingħata d-Diploma in General Studies (Dip. Gen. St.); u

(ċ) mis-sena akkademika 2010/11, jekk l-istudent jikseb tal-anqas 180 kredtu fil-kors li għalih ikun irreġistrat u skont id-definizzjoni ta' grad ta' Bachelor fil-paragrafu (4) tar-regolament 3, l-istudent jista' jitlob biex jingħata l-grad ta' Bachelor in General Studies (B.Gen.St.). L-istudenti li ma temmewx il-programm kollu tal-grad qabel is-sena akkademika 2010/11 u li jissodisfaw dan ir-regolament għandhom id-dritt li jitolbu, meta jidħol fis-seħħ dan ir-regolament, biex jiġu mogħtija l-grad ta' Bachelor in General Studies *ex gratia*, sakemm li dan il-grad ma jingħatax retroattivament,

u fil-każijiet kollha mingħajr referenza għal xi Qasam ta' Studju fit-titlu tar-rikonoxximent."

**L-Emenda għar-regolament 75 tar-regolamenti prinċipali**

5. Wara l-paragrafu (5) tar-regolament 74 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol il-paragrafu (6) li ġej:

"(6) Grad ta' Bachelor in General Studies miksub b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet tar-regolament 74 (ċ) għandu jingħata f'waħda minn dawn il-kategoriji:

Kategorija I (Summa Cum Laude)
Kategorija IIA (Magna Cum Laude)
Kategorija IIB (Cum Laude)
Kategorija III (Bene Probatus)."

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 34 of 2012**

## EDUCATION ACT
## (CAP. 327)

### General University Undergraduate Awards (Amendment) Regulations, 2012

IN EXERCISE of the powers conferred upon him by articles 74 (5) and 75 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following regulations made by the Senate of the University of Malta by virtue of the powers conferred upon it by articles 75 and 79 of the said Act:

**Citation**

1. These regulations may be cited as the General University Undergraduate Awards (Amendment) Regulations, 2012 and shall be read and construed as one with the General Regulations for University Undergraduate Awards, 2004, published as Legal Notice 127 of 2004, hereinafter referred to as "the principal regulations".

**Applicability**

2. These regulations shall be applicable from 28th October, 2011 onwards.

**Amendment to regulation 44 of the principal regulations**

3. For regulation 44 of the principal regulations there shall be substituted the following:

"44. (1) The Final Weighted Average Mark that shall be used to classify the award shall be calculated by weighting each Year Average Mark by the corresponding factor for the year as indicated in the bye-laws for the Course in terms of regulation 76 (b) and the average shall be recorded correct to the nearest whole number.

(2) The Final Weighted Average Mark for the Bachelor in General Studies (B.Gen. St.) degree shall be based on the results obtained in each year of the Course, all years being weighted equally."

**Amendment to regulation 74 of the principal regulations**

4. For regulation 74 of the principal regulations there shall be substituted the following:

"74. When a student withdraws from a degree Course either by choice or because ineligible to proceed further in terms of these regulations, and unless the bye-laws for the Course provide for the granting of an interim award**:**

(a) if at least 60 credits have been obtained, the student shall be granted the Certificate in General Studies (Cert. Gen. St.);

(b) if at least 120 credits have been obtained, the student shall be granted the Diploma in General Studies (Dip. Gen. St.); and

(c) as from academic year 2010/11, if at least 180 credits have been obtained in the course in which the student is registered and in accordance with the definition of a Bachelor degree as in paragraph (4) of regulation 3, the student may request to be awarded the degree of Bachelor in General Studies (B.Gen. St.). Students who partially completed degree programmes prior to the academic year 2010/11 and who satisfy this regulation shall have the right to request, on entry into force of this regulation, to be awarded the degree of Bachelor in General Studies *ex gratia*, provided that this degree shall not be granted retroactively,

in all instances without reference to any Area of Study in the title of the award."

**Amendment to regulation 75 of the principal regulations**

5. The following paragraph (6) shall be added after paragraph (5) of regulation 75 of the principal regulations:

"(6) A Bachelor in General Studies degree obtained in accordance with the provisions of regulation 74 (c) may be awarded in any of the following categories:

Category I (Summa Cum Laude)
Category IIA (Magna Cum Laude)
Category IIB (Cum Laude)
Category III (Bene Probatus)."

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper***

**Prezz/*Price***
**€0.18**